16 ta' Ġunju, 1956

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**

Paolo Chetcuti *versus* Joseph Briffa

**Elevazzjoni — Gwardjani — Konsenjatarju.**

*Jekk oġġetti li jiġu maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid jappartjenu lil persuna diversa mid-debitur eżekutat, u sidhom, biex jevita li jiġi mqiegħed gwardjan jew konsenjatarju, jiddepożita l-flus, salvo li wara jesperixxi l-azzjoni għar-revoka tal-mandat, b'daqshekk hu ma jippreġudikax ruħu, u ma jitlefx id-dritt li jitlob ir-revoka ta' dak il-mandat minn fuq dawk l-oġġetti.*

Il-Qorti;— Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid eżegwit kontra tiegħu fid-29 ta' Frar 1956; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' April 1956, li biha laqgħet it-talba tal-attur u rrevokat il-mandat tal-qbid fuq indikat, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; b'riżerva ta' kull dritt jew azzjoni li tista' tmiss lil dana, "si et quatenus"; billi dik il-Qorti kkunsidrat:

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut..........;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-konvenut appellant, li biħ dan talab ir-revoka tas-sentenza minnu appellata, fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra l-attur appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li saru f'dil-kawża jirriżulta li l-oġġetti maqbuda bil-mandat huma proprjetà tal-attur, li kien xtrahom, ħallas il-prezz, u ħa t-tradizzjoni tagħhom effettiva u materjali. Huwa kellu nteress li għall-mument jiddepożita l-flus f'idejn il-Marixxall, biex jevita li jiġi mqiegħed gwardjan jew konsenjatarju ta' dawk l-oġġetti, salvo li wara jesperixxi, kif għamel, l-azzjoni għar-revoka tal-mandat. B'daqshekk ma ppreġudikax ruħu. Għaldaqstant l-appell ma għandux fondament tajjeb, u għandu jiġi miċħud;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.